MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2014

Mandat Numru. 1929/2013/1

**Sarah Attard**

***kontra***

**Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

***u***

**Dipartiment ghall-Gvern Lokali**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fl-20 ta` Dicembru 2013, li kien konfermat bil-gurament mir-rikorrenti, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

***Jkomplu jzommu fis-sehh u joperaw il-Pool tas-Segretarji Prospettivi fil-Kunsilli Lokali.***

Rat ir-ragunijiet li gabet ir-rikorrenti sabiex isostni t-talba taghha.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta` Dicembru 2013 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati, tathom zmien ghaxart ijiem min-notifika sabiex jipprezentaw risposta, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tas-7 ta` Jannar 2014 fit-8.30 a.m.

Rat li l-intimati kienu notifikati fl-20 ta` Dicembru 2013.

Rat ir-risposti tal-intimati ; dik tad-Direttur Responsabbli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kienet prezentata fis-26 ta` Dicembru 2013 u dik tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li kienet prezentata fit-30 ta` Dicembru 2013. Ghar-ragunijiet li kienu spjegati fir-risposti taghhom, iz-zewg intimati sostnew li t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat kellha tkun respinta, bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta` Jannar 2014 fejn kien trattat ir-rikors.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Il-fatti</u>**

Fl-14 ta` Gunju 2013, kienet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern sejha ghal applikazzjonijiet ghall-ghazla ta` persuni biex iservu fil-*pool* ta` Segretarji Ezekuttivi Prospettivi fil-Kunsilli Lokali. Ir-rikorrenti tahdem f`kunsill lokali u applikat sabiex tkun maghzula biex taghmel parti mill-*pool.* Fit-22 ta` Novembru 2013, waslet cirkolari fil-kunsill lokali fejn tahdem ir-rikorrenti fejn kienu ndikati l-persuni li ntghazlu ; ir-rikorrenti ma kenitx wahda minnhom. Skond ir-rikorrenti, l-eskluzjoni taghha kienet arbitrarja ghaliex la kienet intervistata u lanqas sarilha ezami. Li kieku sar hekk, kienet tirrizulta l-idoneita` taghha ghax kellha l-kwalifiki necessarji. Il-persuni li kienu maghzula kienu qeghdin jigu ntervistati biex iservu bhala Segretarji Ezekuttivi. Skond ir-rikorrenti, bl-eskluzjoni taghha, kienet sejra tkun prekluza milli terga` tapplika ghal zmien sentejn. Fit-2 ta` Dicembru 2013, ir-rikorrenti baghtet petizzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn, ghall-istess ragunijiet li gabet fil-procediment tal-lum, talbet lill-Kummissjoni biex tirrevoka d-decizjoni tal-ghazla u tadotta mizuri rimedjali approprijati.

Skond il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ir-rwol tal-Kummissjoni huwa fl-ewwel lok illi tahtar il-Bord ta` Selezzjoni li jivverifika l-kwalifici tal-applikanti u l-idoneita` taghhom, u fit-tieni lok illi tisma` petizzjonijiet minn applikanti fejn id-decizjoni tal-Bord ta` Selezzjoni tkun kontestata. Skond il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ir-rikorrenti ma kenitx maghzula ghaliex id-degree universitarja taghha (u cioe` degree fil-*marketing*) ma kenitx tikkwalifikaha biex taghmel parti mill-*pool* billi dik id-degree ma kenitx pertinenti ghall-funzjoni li kellha taqdi. Ghaliex fil-kaz taghha ma kienux sodisfatti r-

rekwiziti tas-sejha ghall-applikazzjoni, ma kienx hemm lok illi tkun intervistata. Dwar il-petizzjoni tar-rikorrenti, il-Kummissjoni, wara li qieset l-ilment taghha, cahdet it-talba taghha b`decizjoni li ttiehdet fit-12 ta` Dicembru 2013. Meta r-rikorrenti pprezentat ir-rikors mertu tal-procediment tal-lum, il-Kummissjoni kienet qeghda fil-process li tinforma lir-rikorrenti bid-decizjoni dwar il-petizzjoni taghha. Min-naha tal-Kummissjoni, ir-rwol taghha kien jieqaf u fil-fatt waqaf hemm.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Skond l-**<u>Art 873(1)</u>** tal-Kap.12 –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**<u>Art 873(2)</u>** tal-Kap.12 –

*Il-Qorti* ***<u>m`ghandhiex</u>*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent `prima facie` jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-Art.873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa : fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza

**Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Hemm imbaghad l-**Art.873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m`ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma` l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum, l-intimati jkunu awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, u persuna li ghandha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha, b`**zieda** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art.873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista` jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-

mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

**L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u <u>mhux</u> alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mir-rekwiziti ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.**

Kif diga` kellha okkazjoni tghid ghad ta` drabi qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, **<u>mhux kompitu</u>** ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura **<u>specjali u partikolari</u>** tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa **<u>limitat u cirkoskritt</u>** biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun jista` jinhareg Mandat ta` Inibizzjoni. Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali **<u>eccezzjonali</u>**. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>Risultanzi</u>

Ir-rikorrenti qeghda taghmel talba **<u>specifika</u>** lill-Qorti u cioe` li zzomm liz-**<u>zewg intimati</u>** milli *jkomplu jzommu fis-sehh u joperaw il-Pool tas-Segretarji Prospettivi fil-Kunsilli Lokali*.

**Biex ir-rikorrenti tirnexxi fl-istanza taghha, trid tissoddisfa r-rekwiziti <u>kollha</u> ghall-hrug tal-Mandat, ghaliex jekk ikun nieqes mqar wiehed minn dawn ir-rekwiziti, il-Qorti hija <u>prekluza</u> milli tordna l-hrug tal-Mandat.**

**<u>L-ewwel rekwizit huwa l-prova ta` jedd *prima facie*</u>*.* Jekk tirrizulta din il-kwalita` ta` prova, allura l-Qorti tghaddi biex tqis ir-rekwiziti l-ohra. Jekk dak l-ewwel rekwizit jirrizulta mankanti, ma jkunx hemm lok illi l-Qorti li tghaddi ghall-konsiderazzjoni tar-rekwiziti l-ohra.**

**Il-<u>pern</u> tal-istanza tar-rikorrenti hija l-pretensjoni taghha illi ghaliex hija qeghda tikkontesta l-<u>mertu</u> tal-eskluzjoni taghha mill-*pool* hija trid illi l-*pool* ma jkomplix jinzamm fis-sehh, u lanqas jigi operat.**

Il-Qorti sejra tistharreg jekk *prima facie* r-rikorrenti ghandhiex jedd tavvanza pretensjoni ta` din ix-xorta.

Jinghad mill-ewwel illi l-kostituzzjoni u t-thaddim tal-*pool* **<u>mhijiex</u>** il-frott ta` att amministrattiv.

Il-kostituzzjoni u l-operat tal-*pool* huma regolati bl-**<u>Art 49 tal-Kap 363</u>.** Il-Qorti sejra tirreferi ghad-disposizzjoni **<u>kollha</u>** pero` sejra tissenjala b`tipi suwed

dawk il-brani minnha li tqis rilevanti ghall-kwistjoni li ghandha quddiemha.  Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(1) Kull Kunsill ghandu jkollu Segretarju Ezekuttiv.*

*(2) Il-hatra tas-Segretarju Ezekuttiv ghandha ssir mill-Kunsill wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Ministru, liema nomina tkun saret skont is-subartikolu ta` wara dan.*

***(3) Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jkun ufficjal mis-servizz pubbliku maghzul minn pool ta` persuni ghal dan il-ghan.***

***(4) Meta Kunsill jirrifjuta jew jonqos milli jinnomina Segretarju Ezekuttiv jew Deputat Segretarju Ezekuttiv, il-Ministru ghandu jinnomina agent Segretarju Ezekuttiv jew agent Deputat Segretarju Ezekuttiv rispettivament mill-istess pool.***

*(5) Il-Ministru jista` jnehhi jew jittrasferixxi Segretarju Ezekuttiv minn Kunsill ghal iehor skont id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (6) kif ukoll izomm numru limitat minn pool ta` Segretarji Ezekuttivi zejda fid-Dipartiment biex dawn jimlew postijiet vakanti li jinholqu minn zmien ghal zmien.*

*(6) Segretarju Ezekuttiv jista` jitnehha mill-kariga jew jigi trasferit minn Kunsill Lokali ghall-iehor mill-Ministru kif gej :*
*(a) fuq talba tal-Kunsill Lokali, wara li titressaq mozzjoni bir-ragunijiet ghat-tnehhija u tigi approvata mill-Kunsill Lokali ;*
*(b) fuq talba tas-Segretarju Ezekuttiv stess f`liema talba huwa ghandu jaghti r-ragunijiet ghaliex irid jispicca mill-kariga f`dak il-Kunsill Lokali ;*
*(c) fuq talba tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali wara li nuqqasijiet li johorgu fir-rapport tal-awdituri jew meta wara investigazzjoni mid-Dipartiment jirrizulta li s-Segretarju Ezekuttiv ikun wettaq abbuz jew halla li jitwettqu abbuzi u ksur tal-ligi jew regolamenti mill-Kunsill Lokali :*

*Izda f`kull kaz il-Ministru jista` jiehu dawk il-passi li jidhirlu xierqa biex kull parti tinghata l-opportunità li tressaq il-kaz taghha qabel jiehu d-decizjoni finali :*

*Izda wkoll it-tnehhija mill-kariga jew it-trasferiment ta` Segretarju Ezekuttiv ma zzommx milli jittiehdu l-passi dixxiplinari taht l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.*

Fin-nota taghha tat-8 ta` Jannar 2014, ir-rikorrenti tat il-fehma taghha dwar kif din id-disposizzjoni ghandha tigi interpretata.

Fl-ambitu ta` dan il-procediment, mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tghid jekk it-tifsira li r-rikorrenti qeghda taghti ghall-Art 49 tal-Kap 363 hijiex korretta inkella le.

Fl-ambitu ta` dan il-procediment, mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti illi tghid jekk fil-**mertu** ir-rikorrenti kellhiex il-kwalifiki inkella le biex taghmel parti mill-*pool.*

Il-kompitu ta` din il-Qorti **f`dan l-istadju** huwa illi tghid jekk ghandhiex ir-rikorrenti jedd *prima facie* biex tressaq it-talba taghha ghall-hrug tal-Mandat fit-termini minnha dedotti.

Kif impostata, it-talba **preciza u specifika** tar-rikorrenti hija sabiex din il-Qorti la zzomm fis-sehh il-*pool* u lanqas thalli dak il-*pool* jopera. Din il-Qorti tghid illi r-rikorrenti m`ghandhiex jedd – lanqas *prima facie* – li tavvanza pretensjoni ta` dik ix-xorta. Ladarba l-*pool* mhuwiex il-frott ta` decizjoni amministrattiva izda, kif rajna, huwa kostitwit b`ligi, u ladarba, ghal din il-Qorti, il-ligi tghid kjarament u b`mod univoku illi l-*pool* ghandu jkun kostitwit u jkun operattiv, ma tistax tippretendi r-rikorrenti li din il-Qorti ghandha xi jedd jew diskrezzjoni li tmur kontra dak illi l-ligi qeghda tghid li jrid isir, meqjus illi l-ghazla tas-segretarji ezekuttivi tal-kunsilli lokali tassattivament *ope legis* trid li jsir minn dak il-*pool*. Dan qieghed jinghad

indipendentement mill-mertu tal-lanzjanza tar-rikorrenti – fondata jew mhix dik il-lanjanza.

**Accertat illi hemm karenza ta` jedd *prima facie* fic-centru tal-istanza tar-rikorrenti kif dedotta, din il-Qorti ma hemmx lok li din il-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-fondatezza o meno tar-rekwiziti l-ohra ghall-hrug tal-Mandat.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta, bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------